***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tmienja u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 10 ta' Novembru 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |

Dr. Johnaton Abela kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba safar filwaqt li s-Sur Cedric Valletta talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk Dr. Johnaton Abela u s-Sur Cedric Valletta ġew skużati mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u sebgħa u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Chocolate Festival*

- Is-Sindku spjega li l-kummenti li rċieva rigward iċ-*Chocolate Festival* ta' din is-sena kienu pożittivi ħafna. Il-fatt li żidna t-toroq kontribwixxa għas-suċċess.

- Is-Sinjura C. Borg irrimarkat li kien hemm distakk bejn il-vendituri u l-wirja fil-Hobbies Society. Hija suġġerit biex għas-sena d-dieħla dan l-ispazju jintela' b'wirjiet ta' xogħolijiet ta' l-artiġġjanat.

- Is-Sinjura J. Bugeja nfurmat lill-Kunsill li s-Sinjorina Frances Pace Agius kienet fastidjata għaliex ma kienx kellimha Andrew Farrugia biex tipparteċipa fl-attivita'. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob il-kummenti mingħand Andrew Farrugia f'dan ir-rigward.

- Il-Kunsill iddeċieda li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur John Abela li provda trasport għall-karozza.

4.2 *Proġett tas-Suq*

- Il-Kunsill irċieva l-awtorizazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet biex joħroġ it-Tender Pubbliku għall-Kiri u Tħaddim tal-Parkeġġ. Id-Dipartiment kien qed jitlob 20% tad-dħul tal-Kunsill mill-kirja minflok il-kera attwalment imħallsa mill-Kunsill f'każ li dan ikun iżjed mill-istess kera.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Avukat tas-C&F Building Contractors Ltd dwar il-ħlas finali tal-bini tal-Parkeġġ u Uffiċċju Amministrattiv u t-tiswijiet tal-ħsarat li sar fi propjeta ta' terzi persuni. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li issa li għadda r-*retention period*, għandu jħallas lill-Kuntrattur, l-ammont biss li ġie ċertifikat mill-Contracts Manager tal-Kunsill bhala *full and final settlement.*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġimgħa dieħla ser jibda t-tqegħid tal-madum fuq s-saqaf tal-parkeġġ. Dan ser ikun madum tas-siment aħmar u iswed b'disinn imfassal mill-Perit tal-Kunsill. Il-ġimgħa d-dieħla wkoll ser titwaħħal l-gradilja li ser titpoġġa fuq l-apertura tas-*shaft*.

- Il-Kunsill approva li jinġabru kwotazjonijiet għal-puġġaman tat-taraġ tal-parkeġġ.

4.3 *Kuntratt – Professional Services of an Architect to Council and Contract manager for the Upkeep and Maintenance of Roads and Pavements*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2011 infetħet il-kaxxa tal-offerti fil-preżenza tas-Sindku u s-Sur A. Ellul instabu 6 offerti. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku, Dr. P. Mifsud Bonnici, s-Sur A. Ellul u s-Sur M. Caruana bħala membri tal-Kumitat tal-Għażla. Ġie nnotat ukoll li l-Perit li sottometta l-orħos offerta naqas li jippreżenta l-*Warrant Certificate* mat-Tender kif kien mitlub. Ġie deċiż li qabel jiltaqa' l-Bord jinkiseb parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jiġi stabbilit jekk din l-offerta hiex valida.

4.4 *Resurfucing ta' toroq fil-Ħamrun*

- Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur qed jistenna li jinħariġlu l-*Letter of Acceptance* mill-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma kif ukoll il-permess mingħand Transport Malta biex jibda x-xogħolijiet .

- Dr. P. Mifsud Bonnici staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward il-kisi bit-tarmac ta' Triq Eugenio Borg. Is-Sindku spjega li ilu dawn l-aħħar xhur ikellem lill-Perit Graziella Galea u din ta' l-aħħar dejjem qaltlu li wasal biex joħroġ it-Tender. Dr P. Mifsud Bonnici intalbet biex tkellem ukoll lill-Perit Graziella Galea f'dan ir-rigward.

*4.5 Skema ta' Finanzjament ta' Proġett Speċjali*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-proposta li semma fl-aħħar laqgħa s-Sur C. Valletta ma ġietx sottomessa għaliex il-propjeta fejn kienu ser isiru l-*Photovoltaic Systems* ma kienux tal-Kunsill.

Fis-6.05pm il-Viċi Sindku u s-Sur Arthur Ellul daħlu għal-laqgħa.

*4.6 Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Aġenzija Żgħażagħ sabet 4 żgħażagħ interessati jipparteċipaw. Jonqos biss persuna waħda. Is-Sinjura Bugeja infurmat lill-Kunsill li t-tifla tagħha kienet interessata.

*4.7 Petizzjoni dwar kanuni*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem personalment lill-Onor. Dr. Mario De Marco dwar il-petizzjoni. Dr. De Marco nfurmah li kien kellem lis-Sur Magro Conti u talab sabiex il-Kunsill jikseb dokumentazzjoni mingħand Dr. Ray Mangion dwar l-istorja tal-kanuni.

*4.8 Lmenti rigward servizz tal-Arriva*

Is-Sindku spjega li mill-*feedback* li rċieva, jidher li s-servizz għall-isptar Mater Dei huwa sodisfaċenti. Huwa qal li għad hemm xi lmenti rigward servizz mill-Ħamrun għal-B'Kara.

*4.9 Impjieg ta' skrivan*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-ETC bgħatet lista ta' madwar 80 kandidat. Il-kandidati kellhom jibgħatu CV sat-3 ta' Novembru 2011. Filfatt waslu CV's ta' 37 kandidat. Il-Bord tal-Intervisti għandu jiddeċiedi meta ser isiru l-intervisti.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispndenza li rċieva l-Kunsill bejn l-14 ta' Ottubru u l-10 ta' Novembru 2011.

*5.1 Centro Turistico Studentesco e Giovenile Lecce - Proġett*

Ic-Centro Tursitico Studentesco e Giovenile ta' Lecce informa lill-Kunsill li l-proġett ta' skambju ta' żgħażagħ ma ġiex approvat mill-Aġenzija Nazzjonali Taljana.

*5.2 Maltese Olympic Committee – MOC Sport Awards*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna japplikaw sabiex jiġu nominati għall-'MOC Sports Awards'.

*5.3 Korporazzjoni Enemalta – Approvazzjoni għal-bozza ġdida*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Korporazzjoni Enemalta rrikonsidrat it-talba biex titwaħħal lampa oħra fi Sqaq San Tumas. Il-Korporazzjoni issa approvat li titwaħħal lampa ġdida.

*5.4 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Preżentazzjoni ta' ktieb*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna għal-preżentazzjoni tal-ktieb 'L-Avvanz tal-Pellegrini' ta' John Bunyan li ġie tradott għall-Malti mis-Sur Joseph Farrugia. Il-preżentazzjoni tal-ktieb ser issir mill-Onor. Dr. Chris Said nhar it-Tnejn 28 ta' Novembru 2011 fis-1.30pm fis-sala tal-Kunsill Lokali B'Kara. Is-Sindku ser jattendi għal-preżentazzjoni.

5.5 *Sur Carmel Busuttil – Problemi mit-trasport tal-istudenti tal-Immaculate Conception School*

Is-Sur Busuttil irringrazzja l-Kunsill għal-interven ma' Trasport Malta rigward *Traffic Calming Measures* fi Triq Lord Byron. Huwa lmenta li l-problema qed tinħoloq mill-vanijiet tat-trasport tal-istudenti tal-Immaculate Conception School. Ġie deċiż li jsir rapport lill-Pulizija.

*5.6 Sur Joseph Cuschieri – Residents Parking Permit*

Is-Sur Cuschieri talab li jinħariġlu *Residents Parking Permit*. Huwa jgħix flimkien ma' martu l-Ħamrun iżda l-karta tal-ID u l-*logbook* tal-vettura huma reġistrati fuq Għawdex. Il-Kunsill approva li jinħariġlu r-*Residents Parking Permit.*

*5.7 Guido Zammit – Skema ta' xogħol fil-komunita'*

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Raymond Camilleri ġie assenjat mal-Kunsill Lokali Ħamrun mill-ETC bhala parti mill-iskema ta' Xogħol fil-Komunita'.

*5.8 Mario Theuma – Talba biex jerġa' jiġi assenjat mal-Kunsill*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien avviċinah Mario Theuma u qallu li xtaq jerġa jiġi lura mal-Kunsill. Huwa spjegalu li kien hemm ħaddiema oħra li marru lura ma' Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb ittra lill-M.R.R.A biex jitolbu li Mario Theuma jerġa' jiġi assenjat mal-Kunsill Lokali Ħamrun.

*5.9 Kappillan Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni – Parkeġġ reservat*

Il-Kappillan Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni talab sabiex mat-tabella eżistenti jiżdiedu l-kliem '*and Church Functions'*. Ġie deċiż li ssir talba lill-Transport Malta f'dan ir-rigward.

*5.10 TCTC – ICT Courses*

Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li kien iltaqa' mas-Sur Ray Abela waqt preżentazzjoni li sar mill-Gvern dwar l-*EGOV 4U*. Dan ta' l-aħħar talab biex il-Kunsill jikkonsidra jerġa' jorganizza korsijiet mal-kumpanija tiegħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li s-servizz li għandu bhalissa kien sodisfaċenti u għalhekk ma jarax il-ħtieġa li jbiddel il-kumpanija.

*5.11 Josephine Bajada – Rampa quddiem garaxx*

Is-Sinjura Bajada talbet sabiex tagħmel rampa quddiem il-garaxx tagħha 'Victor', Triq il-Kunċizzjoni, Ħamrun. Il-Kunsill ma sabx oġezzjoni bil-kundizzjoni li x-xogħolijiet ma jkunux ta' periklu għan-nies li jużaw il-bankina.

*5.12 Restawr ta' niċċeċ*

Is-Sinjura Bajada talbet lill-Kunsill biex tiġi restawrata n-niċċa li hemm fi Triq il-Fatati. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sinjura Bajada li meta l-Gvern joħroġ skema ta' finanzjament għar-restawr il-Kunsill japplika biex jirrestawra din in-niċċa.

Il-Kunsill irċieva ukoll petizzjoni biex tiġi restawrata n-niċċa li hemm fi Triq id-Duluri k/m Sqaq id-Duluri Numru 1. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-persuna li preżentat il-petizzjoni li meta l-Gvern joħroġ skema ta' finanzjament għar-restawr il-Kunsill japplika biex jirrestawra din in-niċċa.

*5.13 Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – EGOV 4U*

L-Assoċċjazzjoni għal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli li hija ħarġet *Tender* għax-xiri ta' kompjuters li ser jintużaw mill-Kunsilli Lokali li ġew magħżula bħala parteċipanti għall-proġett EGOV 4U. Il-kompjuters ser jinxtraw mill-fondi li ġew allokati lill-Kunsilli Lokali mill-istess skema. Il-Kunsill Lokali Ħamrun ser jingħata €5,000.00 għal din l-iskema.

*5.14 Sur Lawrence Zammit – Talba għal-ħlas lura tat-Towing*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Zammit fejn talab li jingħata lura l-ħlas li kellu jħallas wara li l-vettura tiegħu ġiet irmonkata mill-Pulizija minn Triq Manwel Magri waqt il-Festival taċ-Ċikkulata meta kien imsiefer. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Zammit li t-talba tiegħu ma istax tiġi milqugħa għaliex il-Kunsill kien pubblika fil-Gazzetta tal-Gvern li mhux ser ikun permess parkeġġ ta' vetturi f'toroq speċifiċi nhar is-Sibt 29 ta' Ottubru mis-6.00am sa 12.00am, ntbgħatet ittra lil kull resident tat-toroq konċernati fejn ġie spjegat l-arranġamenti tal-parkeġġ, tpoġġew tabelli fil-post u l-fondi li nġabru għat-*towing* ma daħlux għand il-Kunsill iżda marru għand ir-Reġjun.

*5.15 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ċertifikati Lifelong Learning*

Il-Kunsilli ġew mistiedna jibgħatu rappreżentant għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati lill-persuni li attendew il-korsijiet organizzati taħt l-iskema tal-*Lifelong Learning.* Is-Sindku ser jattendi għaċ-ċerimonj.

*5.16 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Konferenza – Building Together Sustainable Localities*

Il-konferenza ser issir bejn il-Ħadd 27 u t-Tnejn 28 ta' Novembru 2011. Is-Sindku, s-Sur A. Ellul, s-Sinjura J. Bugeja u s-Sinjura C. Borg ser jattendu. Is-Sur Omar Bugeja talab li ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat biex jiġi diskuss il-parteċipazzjoni tal-Comune di Carpineto Romano fil-konferenza. Ġie deċiż li ssir laqgħa nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2011 fis-6.00pm.

*5.17 Aġenzija Appoġġ – Out of Home Care Programme*

L-Aġenzija Appoġġ talbet biex issir laqgħa rigward servizz ġdid ta' *Out of Home Care*. Ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom f'dan ir-rigward.

*5.18 My Destination Malta - Virtual Tour tal-Ħamrun*

Il-Kunsill ġie offrut biex il-lokalita' tal-Ħamrun tidher fis-sit '*My Destination Malta'* u jkollu *virtual tour* 360˚ ta' tmien postijiet fil-Ħamrun. Ir-ritratti tal-*virtual tour* ikunu jistgħu jintużaw fil-*websites* l-oħra tal-Kunsill. Il-ħlas dovut huwa ta' €255.00. Il-Kunsill approva unanimament li jkollu dan is-servizz.

*5.19 Transport Malta – Timed Parking*

Transport Malta staqsiet lill-Kunsill jekk għadux interessat li ssir *re-activation* tat-talba biex iġi estiża l-iskema ta' parkeġġ bil-ħin fil-Ħamrun. Ġie deċiż li din it-tema titpoġġa fuq Agenda ta' laqgħa tal-Kunsill.

*5.20 Parkwell Ltd – Servizzi tal-Kumpanija*

Il-Kumpanija Parkwell Ltd talbet sabiex issir laqgħa mal-Kunsill biex tiddiskuti servizz li lesta tipprovdi għat-tmexxija temporanja tal-parkeġġ. Il-Kunsill iddeċieda li peress li nħarġu l-offerti għall-Kiri u Tħaddim tal-Parkeġġ u l-kumpanija Parkwell Ltd tista' tkun waħda mit-*Tenderers* ma jkunx għaqli li ssir laqgħa f'dan ir-rigward.

Fis-7.00pm Dr. Paula Mifsud Bonnici u s-Sinjura Judith Bugeja ġew skużati mill-laqgħa.

*5.21 Wasteserve Malta Ltd - Seminar*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu seminar – *Core Creates Change – Meeting the Challenge* li ser issir il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2011 bejn il-11.00 u s-1.00pm f'Sir Temi Zammit Hall, Mediterranean Conference Centre.

*5.22 Sur Patrick Vassallo – Residents Parking Permit*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Patrick Vassallo li huwa resident il-Ħamrun u li qed jgħix ġewwa flat bil-kera. Huwa talab li jinħariġlu *Residents Parking Permit* sakemm jibqa residenti ġewwa l-Ħamrun. Il-Kunsill approva li jinħariġlu l-permess.

*5.23 Emanuel Genovese – Yellow line quddiem garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Genovese fejn talab li ssir *yellow line* faċċata tal-garaxx li għandu 118, Triq Villambrosa, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta skond il-*policy* addottata mill-Kunsill.

*5.24 Għaqda tal-Mużika San Gejtanu – Wirja ta' presepji u bambini*

l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu nfurmat lill-Kunsill li din is-sena ser terġa' torganizza wirja ta' presepji u bambini. Huma talbu biex il-Kunsill jidħol jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Għaqda li l-Kunsill diġa' qiegħed parteċipant f'wirja simili fil-Hobbies Society. Għaldaqstant ser jinfurma lill-Hobbies Society bil-wirja tal-Għaqda biex jekk iridu jieħdu sehem ukoll.

*5.25 Sur Kenneth Vassallo – Problemi ta' Parkeġġ Triq Mile End*

Is-Sur Vassallo lmenta dwar il-problemi ta' parkeġġ fit-toroq viċin Triq Mile End minħabba l-Grawnd, il-Kwartieri Ġenerali taż-żewġ Partiti u l-Istudios tat-televiżjoni. Il-Kunsill ser jiddiskuti din il-problema meta jikkunsidra l-estenzjoni tal-iskema tal-Parkeġġ bil-ħin.

*5.26 Ħamrun Spartans FC Youth Nursery – Tony Bajada Memorial*

Il-Ħamrun Spartans FC Youth Nursery talab lill-Kunsill biex iżid il-kontribut tiegħu fir-rigward it-*Tony Bajada Memorial Football Tournament* li jorganizzaw il-Ħamrun Spartans FC Youth Nursery b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħamrun. Il-Kunsill approva unanimament li s-sehem tal-Kunsill għal dan it-*Tournament* għandu jkun dak ta' €600.00.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

Is-Sur Mario Caruana staqsa lis-Sindku f'liema Sqaqien fil-Ħamrun kienu ser jeħlu l-fanali ornamentali minflok l-*istreet lighting* eżistenti. Is-Sindku spjega li l-ħsieb kien li dawn jitwaħlu fi Trejqet San Pietru, Trejqet Sant'Anna, Kamelja, Sqaq il-Għajn u jekk ikun possibli fi Sqaqien simili.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku staqsa meta ser terġa' tinfetaħ Ġnien Anton Buttiġieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill qed jistenna biex jara jekk hux ser jibbenifika mill-iskema ta' Titjib ta' Playing Fields mniedi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

- Il-Kunsill iddeċieda li jitlob għad-devoluzzjoni tax-xelter li hemm fi Triq Atocia sabiex jintuża għall-wirjiet u żjarat informattivi.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li daħlet applikazzjoni għand il-MEPA għall-bini ta' Grawnd tal-Futbol fil-kumpless tal-Iskola Maria Assumpta. Huwa sjega li qed jintqal li dan ser jintuża minn Nursery ta' Santa Venera. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi kif ukoll Diviżjoni tal-Edukazzjoni biex jistaqsi aktar informazzjoni dwar dan l-iżvilupp .

Fit-7.45pm Dr. Paula Mifsud Bonnici u Judith Bugeja reġgħu daħħlu għal-laqgħa.

*6.3 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li llum huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' uffiċċjal tal-PPCD dwar il-*Project Progress Report* kif ukoll il-*Grant Agreement* tal-Proġett ta' *Training* għall-N.G.O's. Huwa spjega illi l-Kumpanija Future Focus kienet qed tilmenta minħabba li għadu ma sarx l-ewwel pagament. Dan kien dovut għall- burokrazzija mil-*Line Ministry.* Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta ser issir laqgħa oħra. Huwa żied jgħid li mill-ewwel kors ta' 21 parteċipant spiċċaw biss 7 u li kien hemm possibilta' li dawk il-parteċipanti li ma komplewx ikollhom iħallsu €400.00. Kien għalhekk li ser tintalab emenda fil-*Grant Agreement* rigward din il-kundizzjoni biex jekk naqdu t-tieni klassi din tiġi mwaqqa'.

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li fil-Knisja tas-Samra hemm pittura ta' Mattia Preti.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li t-Tilqima tal-Influenza għadha ma waslitx minn barra.

- Il-Kunsilliera ntalbu biex mill-aktar fis possibli jibgħatu l-artikli tagħhom għal-fuljett tal-Kunsill.

- Il-laqgħat dwar is-saħħa ġew estiżi għall-Jannar u Frar 2012.

*6.5 Sotto Kumitat* 3

- Is-Sotto Kumitat ser jorganizza *Weekend Break* fl-aħħar *weekend* ta' Novembru.

- Is-Sotto Kumitat qed jaħseb biex issir mawra sa Catania fit-8 ta' Diċembru.

- Is-Sotto Kumitat qed jaħdem flimkien mal-Hobbies Society biex terġa' tittella' l-Wirja ta' Presepji fil-Hobbies Society.

- Ser issir ħarġa għall-familji f' Popeye's Village.

- Is-Sinjura C. Borg issuġġerit biex il-Kunsill jistudja l-possibilta' li jorganizza Festival Storiku / Kulturali fil-Ħamrun.

## 7. ***Finishings* għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jeħtieġ li jinxtraw *soft furnishings* u għamara għall-Uffiċċju bħal purtieri, *blinds, shelving units* etc. Jeħtieġ illi nixtru wkoll siġġijiet għar-*Reception Area* kif ukoll skrivanija għall-kompjuter li ser jintuża għall-egov 4u.

Il-Kunsill approva li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jieħdu ħsieb ix-xiri meħtieġ biex jitlesta l-Uffiċċjju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 8. **Attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li skond l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, huwa għandu jinforma lill-Ministru tal-Kunsilli Lokali jekk Kunsillier jonqos li jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill jew b' kollox ikun naqas għal aktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur.

Għaldaqstant, minħabba li Dr. Johnaton Abela naqas li jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill, kien ser jinforma lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

Minkejja dan, il-Kunsill jista' jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu biex il-post ma jiġix iddikjarat vakanti.

Il-Kunsill qabel unanimament li jirrikmanda lill-Ministru sabiex ma jiddikjarax il-post vakanti għaliex l-assenza tal-Kunsillier kienet dovuta għal raġuni ġustifikata.

## 9. ***Quarterly Financial Report* – Lulju sa Settembru 2011**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Lulju sa Settembru 2011 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Lulju sa Settembru 2011.

## 10. **Attivitajiet tal-Milied 2011**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-ħwienet irnexilhom jiġbru l-flus għat-tiżjin ta' dawl tal-Milied fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Għaldaqstant il-Kunsill approva li jħallas għall-Arloġġi temporanji tad-dawl kif ukoll konsum.

**11. <u>Ħruġ ta' offerti – *Maintenance of Traffic Signs of Road Markings*</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-*Maintenance of Traffic Signs of Road Markings* li għandu mal-Koptasin kien skada fit-28 ta' Settembru. Il-Kunsill approva unanimament li jinħareġ tender għal dan is-servizz u biex il-kuntrat eżistenti mal-Koptasin jiġġedded sakemm jiġi ffirmat kuntratt ġdid.

**12. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>**

*12.1 Skips*

- Dr P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li rċeviet lmenti rigward ċaqliq tal-iskips fi Triq Muscat Azzopardi. Is-Sindku ser ikellem lill-Greenpak biex tinstab soluzzjoni biex l-iskips ma jitressqux.

- Is-Sindku spjega li kien jeħtieġ li jitpoġġa skip għal użu tar-residenti li joqgħodu f'Metropolitan Complex.

- Is-Sinjura J. Bugeja talbet sabiex jiġu rranġati l-iskips tal-*Bring-In Site* fi Triq Wenzu Mallia għaliex minħabba fihom persuna *b'pushchair* ma tistax tgħaddi fuq il-bankina.

*12.2 Inkonvenjent minn storbju*

Is-Sur A. Ellul ġibed l-attenzjoni rigward lmenti li rċieva dwar il-*PA System* tal-Liċeo tas-Subien.

Is-Sinjura J. Bugeja ser tkellem lis-surmast biex jitbaxxa l-volum.

*12.3 BOV Investiment*

Il-Kunsill ġie avviċinat mill-BOV fejn saret proposta biex il-Kunsill jinvesti €300,000.00 fi fond li jrendi interessi akbar minn dak ta' kont *savings*.

Minħabba li parti kbira mill-fondi ser jintużaw għal-kuntratt tal-Parkeġġ, ġie deċiż li ma jsirx l-investement.

**13. <u>*Schedule of Payments*</u>**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sa l-10 ta' Novembru 2011 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 14. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

________________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
DATA